# Sensiela Kappelli f'Ta' Kerċem u Santa Luċija 1

## Il-Kappella ta' San Girgor f'Għar Gerduf f'Ta' Kerċem

Michael Grima

Fi triqtek lejn Ta' Kerċem minn Triq Ta' Xuxa hekk kif tħalli l-arkata li ssaqqaf parti mill-Wied tal-Lunzjata, n-naħa tal-lemin, wieħed jiltaqa' mal-inħawi magħrufa Ta' Gerduf (*tal gherduf, beneficium in contrata di la annuntiata,* - fl-atti tan-nutar Ferdinandu Ciappara fl-1577). F'dawn il-lokien kienet teżisti l-kappella ta' San Girgor. Għalkemm l-istoriċi ma jindikawx eżatt meta nbniet din il-kappella huwa żgur li fl-1585 il-kappella kienet diġa teżisti f'dan il-post.




*L-inhawi ta' Ghar Gherduf fis-snin 50*

Fis-sena 1578 kien maħtur Isqof ta' Malta u Għawdex Fra Tommaso Gargal li kien ukoll Kanċillier tal-Ordni. Xi snin wara, il-konviżitaturi ta' Fra Gargal fiż-żjajjar pastorali tagħhom lil din il-kappella, rrapportaw li kienet fi stat ta' tħarbit u żdingar.

Mal-medda tas-snin l-Għawdxin li dejjem irrikorrew lejn San Girgor baqgħu jfittxu l-mezzi biex imantnu tajjeb il-kappella ta' Gerduf. Fil-bidu tas-seklu 17 tfaċċa benefattur tajjeb ċertu Salvatore Baglio li bi flusu ra kif għamel u attrezza l-kappella b'artal tal-ġebel u saħansitra b'pittura ta' San Girgor stess. Quddiem il-kappella nbniet ukoll kripta. Jingħad ukoll li l-istess Baglio ħalla bħala wirt porzjon raba' lill-kappella biex l-introjtu minnu jmur għall-manutenzjoni u l-bżonnijiet tal-kappella. Bil-galbu l-kappella bdiet tieħu r-ruħ għax issa kienet mogħnija b'dak kollu meħtieġ. Bħala riżultat ta' dan il-purċissjoni ta' San Girgor li kienet titlaq mill-Matriċi, Victoria għall-kappella bdiet kull sena żżid fil-popolarita' u anke fis-sollennita' tagħha.

Iktar ma kompla jgerbeb iż-żmien iktar il-kappella bdiet miexja 'l quddiem f'dawk li huma proġetti. In fatti taħt it-tmexxija tal-Isqof, il-Franċiż Fra Paolo Alferan de Bussan, il-kwadru l-qadim ta' San Girgor inbidel għal wieħed ġdid. Imbagħad fi żmien it-treġija tal-Isqof Bartilmew Rull li nħatar fl-1758, il-bieb prinċipali tal-kappella inqala' u floku sar wieħed aħjar.

Fil-bidu tas-seklu 19, il-kappella bdiet iġġarrab ħsarat u kienet tinstab fi stat ta' telqa. Effett ta' dan, l-Isqof ta' dak iż-żmien ordna li jsiru xi tiswijiet. Iżda fl-1814 Għawdex beda jsofri qatiegħ bl-imxija tal-pesta. In-negozju u l-ħidma fil-bejgħ u x-xiri naqsu bil-kbir u dan wassal għall-faqar. Peress li l-flus fl-idejn bdew jonqsu l-manutenzjoni fuq il-kappella mill-benefatturi bdiet tnaqqas ukoll, tant li f'nofs is-seklu 19 il-kappella ta' San Girgor bdiet tiġġarraf sakemm waqgħet għal kollox.

Kien fis-sena 1851 li saret l-aħħar purċissjoni ta' San Girgor għall-kappella ta' Gerduf.



*Fdalijiet ta' Għar Gerduf – f'dawn l-inħawi, kien hemm teżisti l-kappella ta' San Girgor*